**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR GINO CAMILLERI LL D**

**Seduta ta' nhar l-1 ta' Marzu, 2002.**

**Citazzjoni Numru 693/00**

**Vodafone Malta Limited**
**Vs.**
**Darwish Hossam**

## Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf tlett mija u sitta u disghin liri maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm1,396.51) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu moghti lill-konvenut mis-socjeta attrici skond il-fattura hawn annessa markata Dokument A.

Illi minkejja interpellat ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Talbet ghalhekk lill-konvenut jghid l-ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Taqta u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikoli l67 sa l70 tal-Kap. 12 u cioe bid-dispensa tas-smiegh;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf tlett mija u sitta u dishin liri maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm1,396.51) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Novembru, 1999 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqga kontumaci;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Imhallef

Noah Zammit

Deputat Registratur